# Il-Knejjes tas-Siġġiewi fis-Seklu XVI u llum

Kitba ta' Carmel Vella



• **Tagħrif dwar is-Siġġiewi**

Is-Siġġiewi huwa wieħed mill-eqdem irħula ta' Malta. Għalkemm nafu li r-raħal imur lura sa talanqas is-seklu tlettax, ftit li xejn għandna dokumenti li jagħtu ħjiel ta' fejda fuq l-istorja tar-raħal. Li wieħed jista' jobsor fiż-żgur hu li sa mill-ibgħad żminijiet missirijietna kienu nies mogħtija għax-xogħol tal-biedja, għax ir-raħal jinsab imdawwar b'firxa ta' art kbira u mogħnija b'għelieqi għammiela, li kienu jipprovdu l-għajxien tal-post u joħolqulhom xi ftit kummerċ ma' l-ibliet u l-irħula f'naħat oħra tal-gżira.

Nafu wkoll li s-Siġġiwin dejjem għożżew ir-reliġjon nisranija u għamlu ħilithom biex itellgħu knejjes fejn setgħu jagħtu qima 'l Alla u ġieħ lill-qaddisin Tiegħu. Xhieda ta' dan huma l-għadd ta' mqades kbar u żgħar li wieħed għandu jsib kemm ġewwa r-raħal kif ukoll imxerrdin 'l hawn u 'l hinn fil-kampanja tiegħu.

Kemm ilu jeżisti s-Siġġiewi dejjem kellu bħala patrun tiegħu lil San Nikola u għadd sewwa ta' knejjes, li jmorru lura fis-snin kienu telgħu f'ġieħ dan il-qaddis. Jidher ukoll li l-qima lejn Marija Santissma ma kinitx tonqos, għax ħafna mill-knejjes li nafu bihom ġew iddedikati lilha taħt tioli diversi li bihom hi mogħnija.

• **Irħula Dipendenti**

Il-limiti tas-Siġġiewi jkopru medda kbira ta' art, tant li ħafna oqsma u għelieqi kienu jkunu bogħod ġewwa mill-qalba tar-raħal. B'hekk insibu li, sa minn żminijiet bikrin, kienu nibtu rħula ċkejknin qalb l-għelieqi, bħal Ħal Tabuni, Ħal Kbir, Ħal Niklusi (ħdejn Ħal Kbir), Ħal Xluq, Ħal Kdieri u oħrajn, fejn ir-raħħala jew bdiewa setgħu jgħixu għal wens qrib xulxin bla ma jkollhom jitbiegħdu minn djarhom ta' kuljum wara tmiem ix-xogħol tagħhom.

Wieħed ma jridx jaħseb li dawn kienu xi rħula kbar; għall-kuntrarju, kien ikun fihom biss xi tużżana jew ftit iżjed ta' rziezet u gabubi, fejn il-bdiewa ta' dawk l-inħawi kienu jgħixu mal-familja u wkoll mal-merħliet u l-bhejjem li kien ikollhom. Kull hekk imsejjaħ raħal kien ikollu knisja waħda jew aktar fejn in-nies tal-post setgħu jaqdu l-ħtiġijiet spiritwali tagħhom. Għalhekk, dawn in-nies ma tantx kienu jersqu lejn ir-raħal il-kbir tas-Siġġiewi ħlief biex jixtru xi għodda għax-xogħol tagħhom jew għal xi okkażjoni speċjali bħal xi tieġ tal-familja, magħmudija tat-tfal u l-festi ewlenin ta' matul is-sena.

Iktar 'il fuq għedna li tagħrif storiku fuq is-Siġġiewi ftit li xejn għadna iżda, b'xorti tajba, dwar il-knejjes li kien hawn f'nofs is-seklu sittax jeżisti dokument ta' siwi kbir u li jien sa nagħmel użu sew minnu għal bqija ta' din il-kitba. Qed ngħid għar-rapport taż-żjara li kien għamel f'Malta l-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietro Duzzina. Dan il-prelat tal-knisja kien għamel viżita appostolika lill-knejjes kollha li kienu jinsabu f'Malta u f'Għawdex fis-sena 1575, u wara li stħarreġ l-istat tagħhom ordna x'għandu jsir biex jissewwa l-ħażin li sab fihom u, f'ċerti każi, għalaq uħud minnhom.

F'dan l-artiklu biħsiebni biss nagħti ħarsa lejn l-imqades kollha tas-Siġġiewi li kien sab u stħarreġ Mons Duzzina f'dak iż-żmien, kif ukoll lejn knejjes li fadal fir-raħal il-lum. Inżid insemmi xi rqaqat oħra li jolqtu 'l dan ir-raħal, bla ma nidħol f'dak li ħareġ aktar

minn din il-viżita appostolika fl-ibliet u l-irħula l-oħra tal-gżejjer tagħna. Nibda billi nagħti sfond fil-qosor ta' kif seħħet din iż–żjara.

### • Iż-Żjara ta' Mons. Duzzina

Imħabba xi inkwiet li kien inqala' fis-sena 1574 bejn l-isqof ta' Malta, Fra Martino Royas, u l-Gran Mastru Jean de la Cassière, il-Papa Gregorju XIII bagħat lill-Mons. Pietro Duzzina bħala delegat tiegħu biex iżur Malta u jistħarreġ fuq il-post dak it-tilwim li kien jinvovli l-knisja u l-kavallieri ta' San Ġwann, tilwim li kien sa jwassal għal għawġ serju ġewwa Malta. Il-Papa ħa din l-okkażjoni biex isir jaf f'liema stat kienet tinsab il-Knisja f'Malta; u b'dan il-għan, Mons. Duzzina ġie maħtur ukoll Viżitatur Appostoliku biex, waqt li jkun f'Malta, jagħmel viżita appostolika lid-djoċesi taż–żewġ gżejjer.

B'riħet din iż-żjara wkoll, il-Papa Gregorju sab mezz faċli kif idaħħal f'dawn il-gżejjer is-Sant' Uffizzju jew l-Inkwiżizzjoni. Infatti, lil Mons Duzzina tah is-setgħa li jwettaq u jdaħħal fis-seħħ f'Malta d-digriet tal-Konċilju ta' Trento, li kien għadu kif intemm, biex skond dawn ikun jista' jindaga u jikkastiga lill-eretiċi tal-post kif kien stabbilit fl-istatut ta' l-Inkwiżizzjoni. B'din il-ħatra Mons.Duzzina sab ruħu bħala l-ewwel Inkwiżitur f'Malta.

Monsinjur Duzzina wasal Malta fl-1 ta' Awissu 1574. Wara li għadda ftit jiem fil-belt Valletta, li kienet għadha kif bdiet tinbena,huwa mar joqgħod fil-Palazz tal-Kanċillerija fil-Birgu fejn minnufih waqqaf it-tribunal tas-Sant' Uffizzju u minn hemm bdiet taħdem il-qorti ta' l-Inkwiżizzjoni. Minn dik in-nhar sal-lum dak il-post baqa' magħruf bħala l-Palazz ta' l-Inkwiżitur tal-Birgu.

Fil-Girgenti, qrib is-Siġġiewi, hemm ukoll palazz ta' l-Inkwiżitur, imma dan inbena ħamsin sena wara, fl-1625, mill-inkwiżitur Visconti biex iservih għall-mistrieħ matul il-btajjel, aktarx rari, li kien jieħu.

Waqt iż–żjara ta' Duzzina, l-isqof Royas kien jinsab f'Ruma mħabba, kif għedna, tilwima li kellu mal-Gran Mastru. Post l-isqof ħadu l-Vigarju Ġenerali Mons. Antonio Bartolo. Dan kien prelat ta' dehen kbir, studjuż u mħarreġ sew fit-teoloġija u fil-letteratura. Għal xi żmien dan is-saċerdot kien kappillan fil-parroċċa taż-Żurrieq.

### • Il-Viżiti tal-Knejjes

Monsinjur Duzzina beda jżur il-knejjes fil-21 ta' Jannar 1575 u temm dawn iż–żjarat fid-9 ta' Frar 1575. Huwa telaq lura lejn Ruma f'Mejju ta' l-istess sena.

Mons. Duzzina, li kien ikun dejjem akkumpanjat minn Dun Antonio Bartolo u mir-Rev. Fra Damian Taliana waqt il-viżiti li kien jagħmel, żar xejn anqas minn 469 knisja, li kienu suġġetti għall-Ordinarju, f'kull rokna ta' Malta u Għawdex. Għadd sewwa minn dawn kienu żgħar u żdingati, u għalhekk ġew minnufih profanati. Ħafna mqades oħra, li kienu jeżistu waqt iż–żjara, illum inqerdu għalkollox; xi wħud twaqqgħu u flokhom inbnew oħrajn ġodda li għadhom magħna sal-lum.

Bħalma ġa tajna ħjiel, Duzzina ħallielna rapport dettaljat, miktub bil-latin, dwar dawn il-knejjes, kif ukoll dwar il-kleru fil-parroċċi li kien hawn f'Malta u f'Għawdex. Ir-rapport kien imħejji b'attenzjoni kbira u b'ħafna reqqa, tant li llum hu meqjus bħala dokument prezzjuż u uniku għall-istorja tal-Knisja fil-gżejjer Maltin. Fih ġew ittrattati l-istat tal-knejjes u mqades żgħar kollha, il-qagħda tal-prelati, kanoniċi u l-kappillani f'dak li hu tagħlim, spiritwalità, stat kulturali u letterarju, kif ukoll id-dħul ta' flus u l-mezzi finanzjarji ta' dawn l-ekkleżjastiċi.

### • Il-Viżita ta' Duzzina fis-Siġġiewi

L-ewwel żjara ta' Mons Duzzina saret fil-kattidral ta' l-Imdina u wara, bla xejn waqfien, tkomplew il-viżiti tal-knejjes u ta' kull post sagru li keinu mferrxa mad-djoċesi kollu ta' Malta u Għawdex. Il-viżita fil-Parroċċa tas-Siġġiewi twettqet nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar 1575

meta kien kappillan Dun Giacomo Calleja.

Hawn ta' min isemmi li s-Siġġiewi kien sar parroċċa fl-1436 meta, bil-ħidma ta' l-isqof Senatore di Mello, il-Papa Eugenio IV kkonċeda li jitwaqqfu 10 parroċċi ġodda f'Malta, fosthom dik tas-Siġġiewi li minnu kienu jiddependu l-irħula żgħar ta' Ħal Kbir, Ħal Xluq u Ħal Kdieri. Kif ġa aċċennajt, dawn ma kinux ħlief komunitajiet żgħar ta' bdiewa u raħħala bi ftit djar, jew aħjar irziezet, imferrxa fuq il-meded ta' art u qalb l-għelieqi li dawn in-nies kienu jaħdmu.

Fis-seklu sittax, meta saret iż-żjara ta' Monsinjur Duzzina, ir-raħal tas-Siġġiewi kellu madwar 280 dar u xi 1400 abitant. Ħal Kbir, li kien jinsab fin-nofsinhar tas-Siġġiewi bejn il-knisja tal-provvidenza u Ħaġar Qim, fl-inħawi magħrufa ta' San Niklaw, kellu 20 dar. Ħal Xluq, bi 30 dar, kien mifrux fuq il-wilġa bejn is-Siġġiewi u l-Qrendi. Dan il-lokal għadu hemm sal-lum imma m'għadux abitat. Ħal Kdieri kellu biss sitt idjar imxerrda fost ir-raba' fil-witja li hemm mat-triq li mis-Siġġiewi twassal għar-Rabat, bejn il-knisja ta' San Blas u l-post magħruf bħala tar-Ramel. Dan ir-rħajjal kien għeb għal kollox wara l-pesta li laqtet li l-gżira fl-1592.

Qabel bdiet il-viżita fis-Siġġiewi tqaddset quddiesa bl-omelija mill-Kappillan Calleja, imbagħad il-Viżitur Appostoliku beda bil-knisja parrokkjali ta' San Nikola. Din ma kinitx il-knisja l-kbira tal-lum. Kienet knisja tas-seklu ħmistax, stil Sikolu-Normann, b'artal maġġur u żewġ artali fil-ġnub. Din il-knisja llum tinsab imġarrfa ġewwa għalqa fit-triq imsemmija għaliha, Triq il-Knisja l-Qadima. Ix-xogħol ta' tħaffir u pedamenti għall-Knisja parrokkjali, li llum tiddomina l-pjazza tar-raħal inbeda fl-1674 sew sew mitt sena wara ż-żjara ta' Mons Duzzina.

Fl-istess jum li saret iż-żjara appostolika, jiġifieri fit-2 ta' Frar 1575, Monsinjur Duzzina waqqaf l-ewwel fratellanza fir-raħal, dik tas-Ssmu Sagrament, li għadha magħna sal-lum.

### • Knejjes tas-Siġġiewi fis-Seklu XVI

Wara l-viżita tal-parroċċa kien imiss il-knejjes li kien hemm fis-Siġġiewi ta' dak iż-żmien. Kienu dawn:

Il-Viżitazzjoni ta' Marija, San Bastjan u San Mikiel, li t-tlieta kienu jinsabu ma' ġenb il-parroċċa jew, kif insibuha llum, il-knisja l-qadima.

Kien hemm ukoll knisja ddedikata lil San Mattew, u qrib din żewġ imqades oħra, waħda tat-Twelid ta' Marija Verġni u l-oħra ta' Santa Katerina.

Ċew mistħarrġa wkoll sitt knejjes f'ġieħ Marija Assunta, tlieta ta' San Nikola, waħda ta' San Mark, u tlieta oħra ddedikati lil San Ġwann Battista, lis-Salvatur, u 'l Santa Margerita. Imbagħad dawk ta' San Bartilmew u ta' San Ġakbu. Dawn it-tnejn instabu fi stat imwiegħer u ġew minnufih profanti, flimkien ma' waħda minn dawk ta' Marija Assunta u waħda mit-tlieta ta' San Nikola.

B'hekk insibu li dak iż-żmien, fir-raħal tas-Siġġiewi biss, kien hemm b'kollox 21 knisja, apparti l-matriċi l-qadima.

### • Imqades fl-Irħula Dipendenti

Ġewwa Ħal Kbir Mons Duzzina żar 4 knejjes:- It-Twelid ta' Marija, Tlugħ is-Sema ta' Marija, Santa Ewfemja u dik ta' San Nikola, magħrufa bħala San Niklaw. Din ta' l-aħħar kienu jagħmlu minnha l-patrijiet Benedittini ta' Catania fi Sqallija. Il-knisja ta' San Niklaw li hemm illum inbniet f'nofs is-seklu sbatax, flok dik li kien hemm fi żmien iż-żjara ta' Duzzina. Il-knejjes l-oħra, li kien hemm fil-qrib, illum spiċċaw u ma naf li baqa' xejn minnhom.

F'Ħal Xluq, il-Viżitatur Appostoliku sab sitt imqades li tlieta minnhom kienu f'ġieħ Marija Assunta. Waħda minn dawn instabet mitluqa għal kollox u ġiet ipprofanata. L-oħrajn kienu kappelli żgħar ta' San Nikola, ta' Santa Agata u tal-Viżitazzjoni ta' Marija, li ilhom żmien sew

li nqerdu għal kollox.

Ħal Kdieri, kif għedna, kien irħajjal ċkejken bi ftit bdiewa u kellu knisja waħda ddedikata lil San Ġakbu. Din ukoll issa għebet mix-xena.

• Knejjes Rurali

Peress li l-limiti tas-Siġġiewi minn dejjem kien fihom territorju mdaqqas, insibu għadd ġmiel ta' knejjes imferrxin ma' dawn l-inħawi. Skond ir-rapport tiegħu, Mons.Duzzina żar dawn l-14 li ser nsemmi hawn taħt:

Żewġ knejjes ta' San Ġwann Battista, li waħda kienet tinsab fi ġnien fin-naħat magħrufa "Ta' Pisun", u l-oħra fl-inħawi ta' l-Imwieġel. It-tnejn insabu żdingati u ġew pprofanati. F'danl-istess lokali ta' l-Imwieġel kien hemm ukoll maqdes f'ġieħ San Stiefnu.

Fl-inħawi ta' Lapsi kien hemm tliet knejjes; San Nikola, l-Assunta, u t-Twelid ta' Marija, li t-tlieta li huma ġew profanati.

Fuq il-quċċata tal-Għolja, kien u għad hemm l-Annunzjata u, fil-witja taħt l-istess għolja nsibu t-Twelid ta' Marija fl-inħawi ta' Ta' Brija. F'din ix-xaqliba kien hemm ukoll San Teodoru, fejn illum insibu ċ-ċimiterju l-qadim li jġib l-istess isem (San Dawdar), u Santa Marija ta' Attabuni fejn, fl-antik ħafna, kien hemm l-irħajjal ta' Ħal Tabuni.

Fl-inħawi ta' Ħal Kbir kien għad hemm l-imqades ta' San Lawrenx, it-Twelid ta' Marija Verġni u dik ta' San Ġorġ li ġiet profanata.

Hekk insibu li b'kollox is-Siġġiewi kien jgħodd 46 knisja filjali, jiġifieri: 21 fir-raħal, 6 f'Ħal Xluq, 4 f'Ħal Kbir, 1 f'Ħal Kdieri u 14 imxerrdin fil-kampanja.

• X'sab Mons Duzzina

Fir-rendikont tiegħu dwar il-knejjes li kien stħarreġ, Monsinjur Duzzina semma x'sab tajjeb li kien jgħaddi u dak li kien hemm bżonn jissewwa jew jitbiddel bħal, per eżempju, wieħed miż-żewġ artali laterali fil-parroċċa, dak dedikat lil San Girgor, li nstab fi stat ħażin ħafna. Monsinjur Duzzina ordna li jieħdu ħsiebu minnufih. Maqdar il-kundizzjoni tat-tabernaklu, ta' xi pissidi antikwati, ilbies sagru mżarrad, bibien li tmermru, kandlieri li għadda żmienhom, u ntietef oħra ta' din ix-xorta. Kif ġa ntqal, xi wħud mill-knejjes jew aħjar kappelli li żar, kienu fi stat ta' abbandun u, uħud minn dawn ġew ipprofanati u, wara, ingħalqu u baqgħu jitmermru sakemm spiċċaw għal kollox.

Kif ġa semmejt aktar 'il fuq, wara li ntemmu l-viżiti tal-knejjes, Duzzina kellem wieħed wieħed il-prelati, il-kappillani u 'l kleru kollu f'laqgħat speċjali li saru fil-knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat. Huwa stħarreġ l-istat morali u finanzjarju ta' kull wieħed u, fil-każ tal-kappillani, ra kif kienu jgħixu u l-mod li bih imexxu l-parroċċi tagħhom; imma dwar x'ħareġ minn dan l-istħarriġ m'iniex beħsiebni nitkellem f'din il-kitba.

Fuq l-għadd ta' qassisin li kien hemm fil-parroċċa ma sibt xejn fir-rapport, iżda naf minn sorsi oħra li għall-ħabta ta' nofs is-seklu sbatax fis-Siġġiewi kienhemm 29 saċerdot, 14-il kjeriku ċelibi u 2 miżżewġin. Dan jagħti ħjiel, bejn wieħed u ieħor, tan-numru ta' kleru fis-Siġġiewi meta Duzzina żar il-parroċċa xi sebgħin sena qabel.

## KNEJJES TAL-LUM FIS-SIĠĠIEWI U MADWARU

Kif għedna qabel, il-biċċa l-kbira minn dawn il-knejjes u kappelli maż-żmien iġġarrfu u ma fadalx ħjiel tagħhom. Illum, flimkien mal-matriċi, insibu biss 10 knejjes li kollha kemm huma reġgħu nbnew, flok dawk antiki, wara ż-żjara ta' Mons Duzzina. Minn dawn 4 jinsabu fis-Siġġiewi, u 6 fil-limiti tar-raħal, kif ser naraw hawn taħt:

• **Il-Matriċi ta' San Nikola**

Dan it-tempju imponenti llum għandu ftit aktar minn tliet mitt sena. Kien fl-1 ta' Novembru 1675 li ngħata bidu għal din l-opra billi nfteħet barriera fuq il-post biex minnha jittieħed il-ġebel li kien jinħtieġ. Lorenzo Gafà, perit ta' fama kbira, għamel il-pjanta u kien inkarigat mix-xogħol.

L-ewwel ġebla tpoġġiet fid-19 ta' April 1676 minn Dun Duminku Farrugia, kappillan tar-raħal. Ix-xogħol imbagħad kompla bla waqfien, sakemm f'Novembru 1692 tlestiet il-korsija ewlenija li tbierket, waqt ċerimonja solenni, mill-Vigarju Ġenerali Fra Ludovico Fumicelli. Tkompla l-bini tal-kappelluni u taż-żewġ sagrestiji u wara li kienu għaddew tmintax-il sena ta' ħidma, it-tempju tlesta minn dak li hu bini u beda jintuża bħala knisja parrokkjali.

Fl-1862 ingħata bidu għall-bini tan-navati tal-ġnub u tal-portiku li tlestew sentejn wara. Dan kien proġett imnibbet mid-dehen tal-mibki pajżan tagħna, il-Professur Nikola Zammit. Fl-1919 inbniet il-koppla li hemm illum flok oħra li kienet baxxa ħafna.

Minn ġewwa l-knisja għandha għadd ta' opri artistiċi, fosthom il-kwadri titulari li hemm fil-kor, tal-pittur ċelebri Mattia Preti, kif ukoll pitturi oħra ta' Francesco Zahra u ta' Lazzaro Pisani. L-istatwa sabiħa ta' San Nikola saret fl-1736 mill-iskultur Pietro Felice. Dan l-istess artist għamel ukoll l-istatwa maestuża tal-ġebel li tħares il-misraħ.

F'dan is-seklu saru opri oħra ta' preġju. Insemmi biss il-bdil tal-qniepen il-qodma li kienu tas-seklu sbatax, ma' sett qniepen ġodda li nħadmu fl-Ingilterra. Dawn ittellgħu fil-kampnar waqt ċerimonja b'ħafna briju nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 1948.

• **Santa Marija ta' Ċwerra**

Dil-knisja żgħira fin-naħa t'isfel tal-pjazza nbniet għall-ewwel darba fl-1611 imma din kienet twaqqgħet u flokha nbniet dik li hemm illum fl-1742. Saret bi flus il-patrijiet Benedittini tal-Birgu li għadhom jagħmlu minnha sal-lum. Hija ħasra li l-istat strutturali ta' din il-knisja ilu għal snin twal ħażin għall-aħħar u jeħtieġ li xi ħadd jieħu ħsiebu mill-aktar fis.

• **San Ġwann Battista**

Fuq in-naħa l-oħra tal-pjazza, quddiem ta' Ċwerra, hemm il-knisja ddedikata għall-Qtugħ r-Ras ta' San Ġwann. Din inbniet fl-1730, flok oħra li kien hemm fuq il-post, minn Fra Antonio Cutajar li kien kappillan ta' l-Ordni, u kienet propjetà tal-Kavallier. Meta dawn telqu minn Malta l-knisja għaddiet f'idejn il-gvern ta' Malta. Il-kwadru titulari huwa tal-pittur Francesco Zahra. Il-fundatur Cutajar hu midfun fil-knisja taħt lapida tar-rħam. Ritratt tiegħu jinsab imdendel fis-sagristija.

Maġenb il-knisja hemm dar u naqra ta' ospizju li jagħmlu minnhom il-patrijiet Kapuċċini. Matul l-aħħar gwerra dinjija wħud minn dawn ir-reliġjużi ġew joqogħdu f'dan il-post u għamlu ħafna xogħol ta' siwi spiritwali fil-parroċċa.

• **San Mark**

Il-knisja l-qadima ta' San Mark fil-kuntrada ta' Ħaramija kienet ġiet maħduda u ttellgħet mill-ġdid fl-1608 mis-sur Franġisk Mamo. Din il-knisja minn dejjem kienet miżmuma b'għożża min-nies li joqogħdu madwarha u għadha tintuża sal-ġurnata tal-lum. Dari kienet tilqa' fiha l-purċissjoni tar-Rogazzjonijiet, li kienet toħroġ mill-parroċċa fit-tlett ijiem ta' qabel il-festa ta' Lapsi.

• **Santa Margerita**

Il-Knisja ta' Santa Margerita li kien hemm waqt iż-żjara ta' Mons Duzzina kienet tmermret u reġgħet inbniet fl-1707 b'fondi mogħtija minn Pietro Tanti. Dil-knisja serviet sa żminijietna, iżda, ara l-aħħar gwerra, mħabba li kienet fi triq dejqa u saret ta' xkiel għat-traffiku li dejjem kien qed jiżdied, kellha tiċċekken minn quddiem. Illum għadha mfakkra b'daqsxejn ta' niċċa ġol-ħajt.

## KNEJJES FL-INĦAWI TAR-RAĦAL

• **Tal-Providenza**

Din il-knisja tinsab fejn dari kien hemm ir-raħal ta' Ħal Kbir. Il-knisja oriġinali, li kien hemm waqt il-viżita ta' Duzzina, kienet sfat xi ftit mitluqa u fl-1774 ġiet ipprofanata waqt iż-żjara pastorali li saret mill-isqof Alferan.Il-kappillan ta' dak iż-żmien ma ħax gost b'dan u ħaseb biex flokha jtella' knisja ġdida. Ix-xogħol beda f'Novembru 1750 u tlestiet wara tliet snin, meta tbierket mill-istess kappillan fis-16 ta' Settembru 1753.

Għall-bidu l-knisja kienet dedikata għall-Ħarba ta' Marija fl-Eġittu. Meta fl-1804 tpoġġa l-kwadru li naraw illum, bil-Madonna u l-Bambin ibierku l-kampanja, din saret magħrufa Tal-Providenza. Il-portiku sbejjaħ li hemm magħha nbena fl-1816 biex jirfed il-ħajt tal-istess knisja li kien sofra xi ħsarat wara li ntlaqat minn sajjetta.

• **San Niklaw**

L-ewwel knisja ta' San Nikola, dik li żar Monsinjur Duzzina, aktarx tmur lura sas-seklu Tnax. Dik li hemm flokha llum, magħrufa bħala San Niklaw, inbniet fi tmiem is-seklu sittax fuq art tal-patrijiet Benedittini Sqallin ta' Catania, sakemm fl-1832 din il-propjetà ittieħdet mill-kurja ta' l-Isqof ta' Malta. San Niklaw kienet il-knisja ewlenija tar-raħal qadim ta' Ħal Kbir li, kif għedna, kien raħal dipendenti mis-Siġġiewi. Il-knisja fiha artal wieħed bi kwadru ta' San Nikola.

• **Santa Marija ta' Ħal Xluq**

Bħalma kienet San Niklaw għal Ħal Kbir, Santa Marija kienet il-knisja ewlenija għal Ħal Xluq, li wkoll kien jagħmel mal-matriċi tas-Siġġiewi. Il-knisja oriġinali kienet tas-seklu ħmistax, bħalma kienu l-ħames knejjes l-oħra li kien hemm f'dan ir-raħal fi żmien iż–żjara ta' Mons Duzzina. Il-knisja f'ġieħ Marija Assunta, jew Santa Marija, nbniet mill-ġdid fl-1596 minn flus il-benefattur Ġwann Pawl Buttigieg, li kien jiġi missier il-kappillan tas-Siġġiewi Dun Stefano Buttigieg.

• **Tal-Karmnu fil-Fawwara**

L-ewwel knisja f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu qalb ir-raba' tal-Fawwara kienet inbniet fl-1616 mill-fondi ta' Gerolama Ciantar. Qabel mietet din ħalliet il-fondazzjoni lill-Konfraternità tal-Karità ta' San Pawl tal-Belt. Fl-1669 din is-Soċjetà bniet il-knisja mill-ġdid kif inhi llum. Maġenb il-knisja hemm dar għall-użu ta' min jieħu ħsieb l-istess knisja.

• **L-Annunzjata fuq Ta' l-Għolja**

Il-knisja tal-Lunzjata fuq il-quċċata ħdejn is-Salib ta' l-Għolja tmur lura fis-snin sa l-1420 meta telgħet għall-ewwel darba fuq art tal-kantur tal-Kattidral Bartilmew Tonna. Fl-1494 reġgħet inbniet mill-ġdid mill-kappillan tas-Siġġiewi Dun Amatore Zammit, u fl-1680 tbiddlitilha parti minn ġewwa.

Fit-terremot il-kbir ta' l-1693 il-knisja ġġarrfet, imma reġgħet inbniet fil-pront fl-1694 bi flus mogħtija mill-poplu, l-aktar mill-ekwipaġġi tax-xwieni ta' l-ordni. Terremot ieħor fl-1856 reġa' kważi qeridha għal kollox u, bħal qabel, in-nies tas-Siġġiewi reġgħu ħadu ħsiebha minnufih. Il-knisja għandha artal wieħed u kwadru sabiħ ħafna tal-Lunzjata mogħti lilha minn Fra Adobaldo Testaferrata-Abela fl-1862. Għal ħafna żmien, f'jum il-Lunzjata, il-kleru u l-poplu tas-Siġġiewi kienu jitilgħu sa dil-knisja f'pellegrinaġġ biex titwettaq wegħda li kienet saret.

• **Riflessjonijiet**

Wara li tajna dil-ħarsa kemmxejn fit-tul dwar il-knejjes li kellu s-Siġġiewi fl-imgħoddi

u dawk li baqa' llum, ta' min jieqaf u jaħseb ftit fuq dan wirt il-qedem ta' raħalna.

Naraw, li minn 46 knisja fl-ambitu tas-Siġġiewi erba' mitt sena ilu, illum spiċajna b'10 biss, li wħud minnhom ma jintużaw qatt.

Fiż-żminijiet imbiegħda li semmejna, missirijietna kienu nies twajba u tar-ruħ. Ma kinux jonqsu li qabel u wara x-xogħol jagħtu titwila u jagħmlu talba f'waħda minn dawk il-knejjes. Peress li huma kienu jgħixu fl-irziezet tagħhom, riedu li jkun hemm knejjes qribhom biex ikunu jistgħu jżuruhom bla ma jitilfu wisq ħin. In-nies tar-raħal ewlieni wkoll kienu jsibuha iżjed faċli jagħmlu viżta f'kappella fil-qrib milli jimxu ta' kuljum sal-knisja l-kbira. Għal dan il-għan kienu ttellgħu dak il-għadd ta' knejjes u mqades żgħar kull fejn kienu jgħammru n-nies.

Mal-medda tas-sekli u s-snin, ċerti tradizzjonijiet ta' devozzjoni bdew imajnaw u magħhom naqsu ħafna mill-knejjes li semmejna. Il-progress ta' dan l-aħħar seklu u l-mezzi aħjar ta' trasport, naqqsu l-ħtieġa li l-bdiewa jabitaw fit-tul fl-għelieqi tagħhom. B'hekk għebu ukoll dawk l-irħajjel li kienu jinbtu ma' kull riħ, flimkien ma' ħafna mqades li bihom kienu mgħammra.

Waqt li l-knejjes naqsu, il-popolazzjoni tar-raħal żdiedet bl-eluf. Il-ħin ħieles żdied ukoll u kulħadd sar għandu l-ħin u l-mezzi biex, jekk irid, iżur il-ftit knejjes li fadal kull meta jogħġbu. Imma, b'xorti ħażina, l-ħajja mgħaġġla u moderna nisslet bruda reliġjuża u ħafna nies insew id-drawwiet sbieħ li kellhom l-antenati tagħna. Wieħed jittama li, bil-kultura li trawmet illum, nidraw ngħożżu aktar il-wirt prezzjuż li ħallewlna missirijietna fil-knejjes li għadhom iżejnu raħalna, u ma nonqsux li nieħdu ħsiebhom biex dawn ma jispiċċawx f'monumenti ta' ġebel samm, tajbin biss biex nuruhom lit-turisti li jiġu jżuruna.

Sorsi:
Visitatio Mons. Duzinae, 1575.
Ferris - Storia delle Chiese di Malta
Fco Abela – Malta Illustrata

*Għal Xogħol ta' Dekorazzjoni*
*bil-Liedna*
*mal-Faċċati tad-Djar,*
*Toroq u Każini*

**Irrikorru għand NIKOL VELLA**

**Tel: 451142**